# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 3 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 15.
Citazz. Nru. 1520/00 JRM

**RAUSI INSURANCE AGENCY LIMITED rappresentanti lokali ta' G.D. Williams (Syndicate 47) u ohrajn skond Lloyds Motor Binding Authority, kif surrogata fid-drittijiet ta' Victoria Rausi**

**vs**

**Errol CHIRCOP**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-21 ta' Lulju, 2000, li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fis-27 ta' Awissu 1998 gara incident tat-traffiku f'Iklin Valley, Iklin li fih il-vettura IAZ-707 misjuqa minn Victoria Rausi sfat milquta mill-vettura GVN-005 misjuqa mill-konvenut;

Illi s-socjeta' attrici minhabba dan l-incident hallset lil Victoria Rausi, li kien assikurata mas-socjeta' attrici taht polza "comprehensive" l-ammont ta' elf tlett mija u wiehed u tmenin lira u sebgha u tletin centezmi (Lm1381.73) u llum is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha;

Billi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien unikament responsabbli il-konvenut minhabba imperizja negligenza u inosservanza tar-regolamenti izda mitluba biex jaghmel tajjeb ghad-danni imgarrba mis-socjeta' attrici baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo u ghall-konsegwenzjali danni li soffriet s-socjeta' attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm1381.73;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1381.73 in linea ta' danni;

Bl-ispejjez u imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tas-socjeta' attrici;

Rat illi l-imharrek, notifikat kif imiss bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smigh fit-18 ta' Settembru, 2000, naqas li jressaq fil-hin Nota tal-Eccezzjonijiet jew li jidher quddiem il-Qorti biex, b'xi mod, jikkontesta l-kawza meta ssejhet, u ghalhekk waqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tas-Socjeta' attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Rat id-Degriet taghha tad-29 ta' Marzu, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-azzjoni mmexxija 'il quddiem mis-Socjeta' attrici tinbena fuq ir-rabta kuntrattwali li din kellha mal-assikurata taghha, Victoria Rausi, bis-sahha tal-polza ta' assikurazzjoni *comprehensive* fuq il-karozza tal-ghamla Hyundai Pony registrata bin-numru IAZ-707, proprjeta' tal-istess assikurata;

Illi nhar is-27 t'Awissu, 1998, filghaxija, l-imsemmija vettura garrbet hsarat f'incident tat-traffiku li sehh fi Triq il-Wied tal-Iklin, l-Iklin, meta habtet mal-vettura tal-ghamla Toyota Tercel, registrata bin-numru GVN-005, dak il-hin misjuqa mill-imharrek;

Illi, ghall-hsarat li garrbet fil-vettura taghha, l-assikurata Victoria Rausi ressqet talba mas-Socjeta' attrici biex taghmel tajjeb ghalihom u, fil-fatt, l-istess Socjeta' attrici hallset l-ispejjez mehtiega biex il-karozza ta' Victoria Rausi tissewwa kif imiss;

Illi, kif isegwi wkoll mill-istess polza u bis-sahha tal-ligi, wara li s-Socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghall-hsarat imgarrbin mill-assikurata taghha, hija dahlet fil-jeddijiet li l-istess assikurata seta' kellha kontra l-imharrek minhabba l-imsemmija habta, u, ghaliex temmen li l-imharrek jahti ghall-habta, fethet din il-kawza kontrih;

Illi, qabel taqta' din il-kawza, il-Qorti thoss li ghandha taghmel xi konsiderazzjonijiet li jidhrilha mehtiega, u dan mhux anqas minhabba l-fatt li l-imharrek, bil-kontumacja tieghu, ma jitqiesx li stqarr it-talbiet tas-Socjeta' attrici;

Illi, fl-ewwel lok, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mod ta' kif sehh l-incident, ghandu jinghad li filwaqt li Victoria Rausi kienet ghaddejja ghan-nizla minn Triq il-Wied tal-Iklin, l-imharrek kien hiereg minn Triq il-Plejju, li tigi fuq in-naha tax-xellug tal-imsemmija Triq il-Wied tal-Iklin. Minn dak li jirrisulta mill-atti tal-process (ara, per ezempju, l-iskizz Dok "PS(4)" f'pagna 15 tal-process), it-triq li fuqha kienet ghaddejja l-assikurata tas-Socjeta' attrici kienet ewlenija fil-konfront tat-triq mnejn kien hiereg l-imharrek;

Illi, minbarra dan, il-verzjoni moghtija mill-imharrek innifsu (ara Dok "PS(2)", f'pagna 13 tal-process) lill-ufficjal tal-pulizija P.S. 833 Seychell li fassal ir-Rapport tal-habta juri li naqas li jieqaf ghax marrulu l-*brakes*, u li kien hu li dahal gol-vettura misjuqa minn Victoria Rausi;

Illi l-istess skizz juri li l-habta sehhet sewwasew fit-triq li kienet qeghda ssuq fuqha Victoria Rausi, u li kien l-imharrek li hareg minn triq sekondarja ghal fuq it-triq ewlenija. Il-hsarat imgarrbin miz-zewg vetturi jixhdu b'mod car li din hija l-verzjoni l-izjed verosimil ta' kif sehhet il-habta; b'mod li anke kieku kien il-kaz li l-vettura misjuqa minn Victoria Rausi dahlet f'dik misjuqa mill-imharrek, dan jigi li kien qieghed f'post li dak il-hin ma kellux ikun;

Illi bil-hniena ghandu ghalfejn jinghad li, fejn sehhet il-habta, iz-zewg sewwieqa setghu jaraw sewwa lil xulxin u li, f'dik il-medda

tat-triq, il-vizwali tat-tnejn twassal ghal distanza x'aktarx twila; il-*brake marks* taz-zewg vetturi jixhdu li z-zewg sewwieqa lemhu lil xulxin qabel sehhet il-habta u ttantaw jehilsu minn xulxin, ghalkemm ghalxejn;

Illi wiehed irid jara wkoll x'siwi jista' jkollu dak li l-imharrek qal dwar il-*brakes* tal-vettura misjuqa minnu. Dan jinghad fid-dawl ta' dak li nghad f'sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell (Sede Inferjuri) fis-**17 ta' Gunju, 1999** fil-kawza fl- ismijiet *Godfrey Aquilina vs Joseph Schembri et* dwar il-piz tal-prova mehtieg minn sewwieq li jallega li l-habta tkun sehhet minhabba hsara ghall-gharrieda li tkun sehhet fil- vettura misjuqa minnu. Il-Qorti ssib li, ladarba dan il-piz tal-prova kien jaqa' fuq l-imharrek u dan naqas li juri li kien hemm raguni siewja li tnehhi minn fuqu r-responsabbilta' ta' dak li sehhlu, l-verzjoni tal-imharrek ghandha tigi mwarrba;

Illi, ghalhekk, minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qeghda ssib li l-imharrek kien jahti wahdu ghall-habta mertu tal-kaz;

Illi, ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' hsara mgarrba mill-assikurata tas-Socjeta' attrici, il-Qorti tqis li r-Rapport tal-Habta jghid li l-hsara fil-vettura ta' Victoria Rausi kienet "*light*" u limitata ghall-*bonnet*, il-*bumper* ta' quddiem, ix-xibka ta' quddiem u l-*mudguard* xellugi ta' quddiem. Dawn il-hsarat huma kompatibbli ma' habta kif imfissra aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

Illi l-ammont ta' hsara mgarrba mill-imsemmija Victoria Rausi jinghad li tammonta ghal Lm1381.73. Dan it-total huwa mfisser fil-prospett markat bhala Dok SBT f'pagna 16 tal-process. Ghalkemm jinghad li dan jirreferi ghal vettura IAZ-787, wiehed jista' jqis dan bhala zball ckejken ghaliex il-mudell u d-dati msemmija jaqblu mal-vettura IAZ-707 li, fil-fatt kienet qeghda tinsaq minn Victoria Rausi dak inhar tal-habta;

Illi l-Qorti fliet b'reqqa kull wahda mill-fatturi esebiti fl-atti tal-process u ssib li, ghalkemm l-ammont imur lil hinn minn dak li wiehed jista' jsejjahlu "*slight damages*", dawn l-ispejjez

generalment jaqblu ma' l-hsarat imgarrbin, mal-partijiet tal-vettura li kellhom jinbidlu u max-xoghlijiet li kellhom isiru fuqha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-imharrek:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici** u tiddikjarah il- hati wahdieni tal-habta li sehhet fis-27 t'Awissu, 1998, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija, fi Triq il-Wied tal-Iklin, l-Iklin, bejn il-vettura IAZ-707 misjuqa minn Victoria Rausi u l-vettura GVN-005 misjuqa minnu, u, ghalhekk, responsabbli ghall-hsarat kollha li sehhew minhabba dik il-habta;

2. **Ghall-finijiet tat-tieni talba attrici**, tillikwida l-hsara mgarrba mis-"Socjeta' attrici biex ghamlet tajjeb ghall-hsarat fil-vettura tal-assikurata taghha fl-ammont ta' elf tliet mija u wiehed u tmenin lira maltija u tlieta u sebghin centesmu (Lm1381.73); u

3. **Tilqa' t-tielet talba attrici** u tikkundanna lill-imharrek Errol Chircop ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija u wiehed u tmenin lira maltija u tlieta u sebghin centesmu bhala danni likwidati;

Tikkundanna lill-imharrek ihallas ukoll l-ispejjez tal-kawza u l-imghax legali millum sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija.**

*3 ta' Mejju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Mejju, 2001.**